# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 325/2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Marius Camilleri**

Seduta tal- 29 ta' Novembru, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Marius Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 758060M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 t'April 2015 ghal habta ta' bejn 14:30hrs u 14:45hrs waqt li kien f'Telghet Kordin, Paola hebb ghal persuna ta' Gallip Erdogan u ikkawza offiza ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat mit-tabib Clayton Micallef Reg 5547 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Art 221 (1) tal-Kap 9.

Kif ukoll minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddab, jew qabbad armi ohra kontra Galip Erdogan u dan bi ksur tal-Art 339 (b) tal-Kap 9.

Kif ukoll volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq billi ghamel hsara fil-vettura ABX 781 tal-ghamla Renault Laguna proprjeta' ta' Galip Erdogan liema hsara teccedi €116.47 izda ma teccediex €1164.69 u dan bi ksur tal-Art 325 (1) (c) tal-Kap 9.

Kif ukoll ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 362 Wayne Borg inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li kien, kemm il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' din il-Kodici jew ta' ligi ohra u dan bi ksur tal-Art 338 (ee) tal-Kap 9.

Kif ukoll kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Art 339 (dd) tal-Kap 9.

Kif ukoll naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, id-dettalji tal-assigurazzjoni tal-vettura, kif ukoll l-marka jew in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura u jimla l-formola ta' bumper to bumper u dan bi ksur tal-L.S.65.11 Reg 67.

Kif ukoll saq vettura ABQ 567 minghajr licenzja ta' vettura u dan bi ksur tal-Art 15 (1) (a) tal-Kap 65.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Novembru, 2019 li biha sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u kwantu l-ewwel

imputazzjoni lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliett snin mid-data tas-sentenza fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u kkundannatu ghal ammenda kumplessiva ta' elf euro (€1,000) fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet l-ohra;

Inoltre kkundannatu jhallas lil Galip Erdogan is-somma ta' elf, disa' mija, tnax il-euro u disghin centezmu (€1,912.90) rapprezentanti danni kagunati lil Galip Erdogan fit-termini tal-artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' Marius Camilleri tal-5 ta' Dicembru 2019, li bih talab lill-Qorti **tvarja** s-sentenza billi **tikkonfermaha** in kwantu din sabitu hati tal-hames akkuza numerata 'E' ta' ksur ta' bon ordni, izda **tirrevokaha** ghall-kumplament taghha billi tilliberah mill-akkuza l-ohra kollha u teroga piena gusta skond dan.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati jirrigwardaw skontru bejn l-imputat u l-kwerelant waqt li t-tnejn kienu qed isuqu il-vetturi rispettivi taghhom. L-kwerelant jallega illi l-imputat laqatlu l-vettura u baqa' sejjer u ghalhekk segwieh sakemm waslu fuq *Traffic Light* u ha ritratt tal-pjanca ta' registrazzjoni tal-vettura tal-imputat li malli ra hekk nizel b'oggett f'idu u beda jaghti daqqiet fuq il-vettura tal-kwerelant. L-imputat ma jaqbilx ma' din il-verzjoni u jghid illi kien il-kwerelant li beda jserrep u dahal fil-vettura tieghu u meta nizel biex jara x'kien gara, l-kwerelant harab minn fuq il-post;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jillanja s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni u dan ghal zewg ragunijiet. L-partijiet stess jikkonfermaw illi qatt ma gew f'kuntatt fiziku ma xulxin tant illi fic-certifikat mediku esebit hemm indikat "*no evidence of external injury was noted*". L-appellant ghalhekk iressaq l-argument illi dak li minnu jilmenta l-kwerelant, jigifieri stat ta' ansjeta kawza tal-agir tieghu ma jammontax ghall 'gerha' u konsegwentement ma setghax jinstab hati ta' hekk;

3. Dwar dan l-ewwel argument il-kwerelant kien xehed illi meta l-imputat nizel mill-vettura tieghu li hija truck, ma rnexxielux jiftah il-bieba tal-vettura u l-istess imputat qabad *spanner* u beda jaghti daqqiet fuq il-*windscreen*. Ghalhekk beza u baqa' jsuq dritt lejn l-ghassa tal-Pulizija li nnutaw li ma kienx qieghed tajjeb u baghtuh il-klinika. Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku mahrug mid-Dipartiment Tas-Sahha Primarja fis-16 ta' April, 2015 li jghid hekk: "*The above named patient was found to be in a severly anxious state. During examination could not verbalise well. Was tachycardiac at 131 bpm with a systolic BP of 150. No*

*evidene of external injury was noted*'. Il-kwerelant mkien ma jallega li sofra xi griehi fuq il-persuna tieghu izda li f'dak il-hin kellu ansjeta' kbira. Issa, fl-ewwel lok, l-artikoli tal-Kodici Kriminali li jirravizaw r-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, jigifieri l-artikoli 214 *et seq* jipprovdu dwar <u>offizi</u> fuq il-persuna u **<u>mhux</u>** fuq 'griehi' kif erronjament jallega l-appellant. L-artikolu 214 jipotizza bhala reat ta' <u>hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra</u> li tista tkun gravi skond l-artikolu 216 jew gravissima skond l-artikolu 218 filwaqt illi jekk ma taqa' taht ebda wahda minn dawn allura tkun <u>hafifa</u> fit-termini tal-artikolu 221. Ghalhekk il-gerha mhix element necessarju ghal-prova tal-offiza;

4. Illi fit-tieni argument tieghu dwar ic-certifkat mediku l-appellant jillanja illi dan qatt ma kien konfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah. Dan ir-ragunament mhux l-ewwel darba li kien sollevat quddiem il-Qrati taghna u mhux necessarjament iwassal ghal-liberatorja. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak ritenut fis-sentenza taghha, diversament preseduta, tat-18 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Stephen Zahra ghaliex huwa ugwalment applikabbli ghall-kaz in disamina:

> "L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis sens li l-prosekuzzjoni qatt ma ressqet lit-tabib jew tobba li rrilaxxjaw iz-zewg certifikati medici ezebiti, u ghalhekk hu ma kienx f'posizzjoni li jaghmlilhom kontro-ezami. Dan l-aggravju hu wiehed fierah. L-appellant, bhala imputat quddiem l-ewwel qorti, dejjem seta' jitlob li jigu mharrka dawn it-tobba bhala xhieda in difeza. Dan ma ghamlux. Peress li dawna t-tobba la gew prodotti bhala xhieda, u anqas gew prodottti mill-prosekuzzjoni l-affidavit taghhom skond is-subartikolu (7) ta'

l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali, ic-certifikati ezibiti a fol. 3 u 4 ta' l-atti ma jaghmlux prova tal-kontenunt taghhom. Mill-banda l-ohra ma huwiex korrett dak li donnu qed jippretendi l-appellant, u cioe' li minghajr certifikat jew certifkati medici ma tistax tipprova a sodisfazzjon tal-qorti li tkun saret offiza fuq il-persuna. Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva diversi drabi, tali certifikati jistghu jkunu mehtiega biex jigi determinat jekk l-offiza hix wahda gravi jew gravissima, jew addirittura jekk kienx hemm offiza (hafifa, gravi jew gravissima); pero' dawn ic-certifikati ma humiex f'kull kaz assolutament mehtiega: il-prova ta' l-offiza u tan-natura ta' tali offiza tista', f'certi kazijiet, issir anke permezz tad-deposizzjoni jew deposizzjonijiet ta' persuni li ma humiex tobba jew paramedici. Fil-kaz in dizamina, l-offiza li l-appellant qed jigi allegat li ghamel fuq martu hija wahda ta' natura hafifa, u allegatament sehhet billi huwa qabadha minn ghonqa, ghafasha u b'dan il-mod weggaghha";

5. Din il-Qorti tabbraccja dan l-insenjament u ghalhekk ser tghaddi biex tara xi provi hemm in atti dwar l-allegata offiza. Il-kwerelant xehed illi malli l-imputat avvicina l-vettura tieghu haseb li kien ser joqtlu "*and then I was shocked, I was shaking all*" u meta mar l-ghassa kkonstataw li ma kienx qieghed tajjeb u rrakomandawlu jmur il-klinika. Fl-affidavit tieghu PS 1480 ma jsemmi ebda episodju ta' ansjeta' tali li kellu jidderigi lill-kwerelant ghal-klinika. Jghid biss illi l-kwerelant "*stqarr li ghal dan kollu baqa' mbellah u mbezzgha bl-agir ta dan ix-xufier*";

6. Illi ghalhekk kien hemm mankanza ta' prova dwar l-allegata offiza hafifa sofferta mill-kwerelant liema offiza setghet kienet riskontrata minn persuni ohra u indizji ohra izda rrizulta fin-negattiv. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx legalment issib htija fl-imputat fl-ewwel imputazzjoni u ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun akkolt anke jekk mhux ghar-ragunijiet kollha mressqa mill-appellant;

7. Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jallega li ma setghax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni peress illi qatt ma nghad kien hemm theddid da parti tieghu. Skond l-artikolu 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali li jipotizza t-tieni imputazzjoni, huwa hati ta' kontravvezjoni kull min "*minghajr ma jidrob jew isawwat, jhedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom jew jaqbad armi ohra kontra n-nies*". L-appellant ghalhekk ma ghandux ragun fl-argument tieghu stante li,u kif tajjeb irribatta l-Avukat Generali, sabiex jirrizulta dan ir-reat ma hemmx htiega ta' diskors ta' theddid. Stante li l-aggravju tal-appellant hu limitat ghal dan l-aspett u ma jillanjax l-apprezzament tal-provi, ma hemmx htiega li l-Qorti tinoltra jekk kienx pruvat jew le li kien hemm azzjoni ta theddid b'oggett iebes. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

8. Fit-tielet gravam, l-appellant jallega illi l-hsara fuq il-vettura tal-kwerelant turi li kienet ta' natura involontarja rizultat ta' habta u ghalhekk ma setghax jinstab hati tat-tielet imputazzjoni. Izid jallega l-appellant illi ma ngiebet l-ebda prova li l-vettura kienet tappartjeni lill-parte civile. Kwantu din l-ahhar osservazzjoni, fid-deposizzjoni tieghu l-kwerelant dejjem rrefera ghall-vettura bhala *my car* u qatt ma kien

mistoqsi in kontro-ezami dwar it-titolu taghha. Inoltre, fl-Incident Report a fol 10 sa 14, il-kwerelant huwa indikat bhala sid il-vettura u dawk id-dettalji, inkluz il-Klassi taghha, n-numru tal-magna u numru ta' chassis jidher li tnizzlu mis-Surgent 1480 jew minn fuq *database* jew mil-log book tal-istess vettura ghaliex kif xehed l-istess kwerelant fil-hin tar-rapport kien qed ibghati minn ansjeta' kbira u biex persuna tiftakar dawk id-dettalji, inkluz numru ta' chassis bi hmistax-il cifra, huwa xi ftit jew wisq improbabbli;

9. Illi fl-istess Incident Report hemm deskrizzjoni tal-hsarat fuq il-vettura tal-appellant li huma: "*Damages noted on rear right mudguard, rear bumper, rear right lights and indicator, rear booth and the drivers handle. Scratches were noted on drivers glass window and rear right glass window*". F'dan l-istadju jokkorri li jkunu ezaminati mill-gdid l-provi bil-ghan li jkun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment issib htija fl-imputat fuq dawn il-fatti. Kif gia senjalat *supra*, dwar dan l-incident hemm zewg verzjonijiet. Il-kwerelant jghid illi filwaqt li kien qed isuq bil-mod fuq in-naha tax-xellug l-imputat gie fuqu f'salt wiehed u kellu jzommu jghafas il-brake f'daqqa u l-imputat, li ma laqtux, baqa' ghaddej. Il-kwerelant baqa' jsegwieh u mit-truck tal-imputat jidher li waqa xi haga u giet fuq il-hgiega tal-vettura tieghu u ddecieda li jkun ahjar li jaqbzu izda l-imputat ma halliehx u nnota li kien qed jarah mil-mera. Ghalhekk baqa' jsegwieh u meta qabzu l-imputat dahal fih, waqaf u ddecieda jehodlu ritratt tal-pjanca ta' registrazzjoni u waqt li qed jaghmel hekk waqqaf it-truck, ostakolah, nizel mit-truck bi spanner f'idu u prova jiftahlu l-bieba b'idejh izda l-bieba kienet imsakkra u tah xi hmistax-il

daqqa fuq l-windscreen. Ghalhekk regga b'lura u baqa' sejjer dritt lejn l-ghassa tal-pulizija;

10. Illi l-verzjoni moghtija mill-imputat fid-deposizzjoni tieghu hi li waqt li kien qed isuq it-truck tieghu, l-kwerelant kien qed isuq bil-mod fuq in-naha ta' barra bi 30 [*sic.*] u ghaddieh minn naha ta' gewwa b'40 [*sic.*]. Meta qabad ir-roundabout fejn it-triq tikkonsisti f'erba lanes u filwaqt li kien ghaddej magenb il-*bus lane* l-kwerelant gie minn warajh u "*tefgha ghal go fija*"...."*Kif qabizni* [minn naha ta' barra] *tefa' go fija u kont pront tfajt fuq il-bus lane*". "*Ghalaqli l-lane tieghi, kont pront tfajt fuq il-buslane, lanqas biss harist minn wara ghax li kien hemm bus kont nifqaghha nghidlekhekk u waqafna kwazi zoptu. Rega' qala dan u tefa' din id-darba fuq il-lane ta' barra l-ahhar wahda*". Sa dak il-hin il-vetturi ma kienux messu ma' xulxin. L-imputat rega beda miexi bil-mod waqt li l-kwerelant kien ghaddej fil-lane ta' barra meta f'hin minnhom mill-ahhar lane qasam erba' lanes, vetturi ohra "*taw il-brajkijiet u ghalaqli t-triq gie hekk din id-darba hekk go-bankina u waqaft ezatt*". Jghid li l-kwerelant baqa' wieqaf hemm u l-imputat haseb li kien fis-sakra u drogat u kif ser jinzel mit-trakk, il-kwerelant rega' lura u saq lejn Rahal l-Gdid u hu saq ukoll. Fit-triq rega sab lill-kwerelant ghaddej bil-mod u malli wasal warajh l-kwerelant beda jnaqqas l-ispeed u prevjena li ser idahhlu f'sitwazzjoni fejn ser ikollu jieqaf hesrem ("*jaghtini brake*") u ghalhekk qaleb il-lane, nizzel gear u qabzu biex jehles minnu izda l-kwerelant rega' gie sparat, dahal fil-lane tieghu, laqat il-bumper tal-imputat u waqaf ezatt quddiemu. Miltub jispjega qal li hu kien fuq il-lane ta' barra u l-kwerelant gie minn fuq ix-xellug;

11. Izid jghid l-appellant illi wara dan iddecieda jistenna lill-pulizija jew lil warden u t-tnejn baqghu "*bilqieghda*" u beda jingema' t-traffiku. Meta nizel mit-trakk resaq lejn it-tieqa tal-vettura tal-kwerelant, habbatlu fuq it-tieqa ghaliex baqa' wiccu jhares 'l quddiem u rega tektiklu fuq il-windscreen biex jara kienx f'sensieh u kif ser jaqbad il-pum tal-bieba biex ikellmu u jaraw x'ser jaghmlu telaq isuq sparat. Huwa jinnega li kellu xi haga f'idejh dak il-hin u ma marx l-ghassa tal-pulizija ghaliex kien imhabbat;

12. Illi l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni tal-kwerelant fuq dik tal-imputat meta allura sabitu hati ta' din l-imputazzjoni. Din il-Qorti hija konvinta 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-verzjoni tal-kwerelant hija dik korretta u dan il-konvinciment hu radikat mill-hsarat fil-vettura tal-kwerelant kif deskritta sia fl-Incident Report kif ukoll mill-Accident Survey Report ezebit. Altru milli tektek fuq il-windscreen tal-kwerelant l-appellant uza oggett iebes biex ghamel dik il-hsara kif konstatata. L-appellant ma ghandux ragun f'dan l-aggravju u ghalhekk qed tichad l-istess;

13. Fir-raba' aggravju l-appellant jillanja s-sejbien ta' htija kwantu r-raba' imputazzjoni li naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. L-appellant ma ghandux ragun meta iressaq l-argument illi n-nuqqas li tikkonforma ma' ordni tal-pulizija biex tattendi gewwa ghassa huwa reat ravvizat f'artikolu iehor tal-ligi. Dan il-fatt jista' jkun regolat b'aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi, u nuqqas ta' ottemperament in rigward jista' jipotizza r-reat ravvizat fl-artikolu 338(ee) tal-

Kodici Kriminali. L-appellant izda, *ex admissis* jghid illi l-pulizija kienu cemplulu biex jattendi l-ghassa halli jkellmuh, mar kif ordnat u l-ufficcjal tal-pulizija qallu li ma kien hemm ebda notament li kellu jattendi l-ghassa u ghalhekk wissieh li fil-kaz jergghu jibghatu ghalih. Dan jikkontrasta djametrikament ma dak dikjarat mis-Surgent meta jghid li saret komunikazzjoni mieghu izda ma setghax jinsab tant illi ntalbet assistenza u wara sabuh fil-garage tieghu jahsel it-trakk. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

14. Il-hames aggravju jirreferi ghas-sitt imputazzjoni izda mill-verzjoni tal-fatti kif rakkontata mill-kwerelant li l-ewwel Qorti ghazlet li temmen u konfermata minn din il-Qorti, l-imputat telaq minn fuq il-post u lanqas biss irraporta l-incident lill-pulizija minflok ma cempel lill-pulizija u qaghad jistenna hemm sakemm jigu u jispjegalhom li kien l-kwerelant li laqtu u baqa' ghaddej. *Ex admissis* l-imputat ma ghamel l-ebda rapport u dan ma jghin xejn ghall-kredibilita' tieghu jew nuqqas taghha;

15. Illi l-appellant jillanja s-sejbien ta' htija fis-seba' imputazzjoni li tipotizza sewqan tal-vettura in kwistjoni meta l-licenzja ma kienitx mgedda. L-aggraju huwa fis-sens illi rapprezentant ta' Trasport Malta ma xehedx dwar jekk il-licenzja kienitx mgedda jew le u ghalhekk ma setghetx tinsab htija. Mill-affidavit ta' PS 1480 jemergi illi l-licenza tal-vettura kienet skadiet fil-31 ta' Jannar, 2015. Il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti qabilha setghet legalment issib htija f'din l-imputazzjoni mid-deposizzjoni tas-Surgent u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

16. Is-seba' u l-ahhar aggravju huwa dwar l-ordni tal-ewwel Qorti li biha obbligat lill-appellant ihallas s-somma ta' €1,912.90 rapprezentanti danni kagjonati lill-kwerelant. L-ewwel argument minnu mressaq jorbot mal-aggravju tieghu dwar il-prova ta'titolu tal-vettura fit-tielet aggravju izda dan issa huwa deciz u ghalhekk mhux applikabbli. Jargument inoltre illi l-ewwel Qorti ghamlet din l-ordni fit-termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 meta dawn ma humiex applikabbli. L-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> **Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation ghar-rigward tas-setgha li ghandha l-qorti li tordna lill-hati jhallas id-danni ghandhom ukoll *mutatis mutandis* japplikaw kull meta jigri li persuna tinghata sentenza wara li tkun instabet hatja ta' delitt.**

17. L-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 li ghalih jirreferi l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> **Meta Qorti taghmel ordni ta' *probation*, ordni ta' servizz fil-komunita', ordni ta' *probation* u servizz, ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi hati ghal kollox tista', minghajr pregudizzju ghall-poter li ghandha dwar l-ispejjez taht l-artikolu 380 u 533 tal-Kodici Kriminali, tordna lill-hati jhallas dawk id-danni ghal xi feriment jew b'kumpens ghal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidrilha li jkun l-aktar ragonevoli.**

18. Issa mill-kliem "feriment" u "kumpens ghal xi telfien" fl-artikolu appena riprodott wiehed jista' jifhem illi l-kumpens li qorti tista' tordna huwa ristrett ghal dawk il-kazijiet fejn hemm offizi fuq il-persuna u dawk il-kazijiet fejn tista' tinghata xi forma ta' soljev minhabba, ezempju serq ta' oggett li qatt ma kien rikoverat. Harsa, izda, lejn id-dibattiti parlamentari ta' meta kien diskuss l-Abbozz ta' ligi Numru 69 tal-2006 li kien eventwalment promulgat fl-Att XVI tal-2006, il-hsieb tal-ministru li ppilota l-abbozz kien li fil-Kodici Kriminali tkun introdotta forma ta' kumpens ghall-vittmi ta' reati serji bhalma kien gia ezistenti fl-Att Dwar il-Probation u fil-Kodici Kriminali f'kaz fejn tista' tinghata sentenza sospiza. Fost dawn ir-reati ssemma dak ta' serq u ta' frodi. Id-dibattitu huwa wiehed twil (seduta 383 tat-23/5/2006 u seduta 83 tal-11/7/2006) u ma jindirizzax direttament dak li kellu jkun is-suggett ta' kumpens izda l-hsieb jidher li kellu jkun introdott sistema fejn vittma ta' reat ma ghandhiex tghaddi minn proceduri dubblici billi tirrikorri quddiem il-Qorti Civili ghall-kumpens tat-telf taghha. Il-Qorti tifhem illi minn dak propost kellu jkun eskluz kumpens ghal-reati ta' natura involontarja;

19. Il-fehma tal-Qorti hi li l-kliem "danni b'kumpens ghal xi telfien" hija wiesgha bizzejjed biex tinkludi danni ghall-hsarat ta' natura volontarja u f'dan il-kuntest tajjeb li jkun osservat illi meta Qorti taghmel tali ordni trid timxi b'mod rigoruz sabiex taccerta ruhha mill-ammont rikjamant bhala rizarciment ghaliex hemm tkun qed tidhol fiz-zarbun tal-Qorti Civili fejn id-dannu jehtieg li jkun pruvat bil-fattizzi kollha tieghu inkluz t-telf tal-valur tal-oggett maz-zmien u hwejjeg simili. Fil-kaz odjern, l-kwerelant prezenta stima tal-hsarat minnu sofferti u

l-imputat ma kkontesta l-ebda parti minnha ghajr li ddikjara li ma ghamel l-ebda hsara fil-vettura. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti gia ddikjarat ruhha konvinta li l-hsarat kienu ta' natura volontarja u din hi korroborata mir-ritratti, survey u rapport tal-incident personalment konstatati mis-surgent li rrediga r-rapport. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud b'dan illi l-Qorti ser tipprovdi ghall-possibilita' li l-kwerelant ma jkunx thallas darbtejn tad-danni subiti;

20. Illi l-appellant talab ghal-piena aktar gusta skond il-kaz. Minkejja li l-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju bil-konsegwenza li ghandu jkun liberat mill-imputazzjoni tal-offiza hafifa fuq il-persuna tal-kwerelant, irid ikun osservat illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti mhix mix-xorta u kwalita li trid il-ligi tant li kien kkundannat ghal piena ta' €1000.00 ammenda meta din mhix kontemplata mil-ligi u meta s-seba' imputazzjoni timporta piena ta' mhux aktar minn €1,200.00 <u>multa</u> jew prigunerija. Issa l-Avukat Generali ma appellax in rigward u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghmel kunsiderazzjonijiet dwarha ghajr li l-piena erogata gia hija wahda miti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-temperament;

21. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa l-ewwel aggravju u konsegwentement thassar is-sentenza appellata fejn din sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni izda tikkonfermha fil-kumplament;

22. Kwantu l-ammont ta' danni ta' €1,912.90 l-Qorti tordna lill-kwereant sabiex fi zmien gimgha mil-lum jiddikjara permezz ta' nota guramentata jekk huwa thallasx dan l-

ammont minghand l-assikurazzjoni tieghu jew tal-imputat jew jekk l-assikurazzjoni tieghu jew tal-imputat ghamlitx tajjeb ghall-hsarat kollha minnu sofferti.